**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-04 ta' Dicembru, 2018**

**Talba Numru: 477/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 28.**

**Joseph Grima (ID 622456M)**

**Pet and Garden**

**11/12, Mdina Road,**

**Zebbug (Malta)**

**Vs**

**Chris Drago (ID 411867M)**

**Maria Drago (ID 45969M)**

**93/1, Shalom,**

**Triq il-Hobbejza,**

**Rabat (Malta)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fit-02 ta' Ottubru, 2018 li permezz tieghu talab li l-konvenuti jigu ordnati ihallsuh s-somma ta' erba' mija u disgha u sittin ewro u erbghin centezmu (€469.40c) rapprezentant kwantu ghas-somma ta' erba' mija u

ghaxar ewro u erbghin centezmu (€410.40c) bilanc ta' prezz ta' oggetti tal-aquarium mibjugha mill-attur lill-konvenuti fuq struzzjonijiet taghhom stess u s-somma ta' disgha u hamsin ewro (€59) spejjez tal-ittra legali tat-23 ta' Lulju 2018 li baqghet mhux kontestata.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher had+- minnhom ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lill-attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuti jhallsu lill-attur s-somma ta' erba' mija u disgha u sittin ewro u erbghin centezmu (€469.40c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż a karigu tal-konvenuti.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**